# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 12 ta' Ottubru 2020

## Talba numru 133/2020SFJ

## SENTENZA PRELIMINARI DWAR L-EWWEL EĊĊEZZJONI

***AVUKAT DOTTOR ANTON FELICE (201760M)***
***VS.***
***STEPHEN GRECH (139461M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab:

"*Drittijiet professjonali għal prestazzjonijiet legali reżi skont client engagement letter datata 24 Lulju 2018, u konklużi fl-2019, intaxxati mir-Reġistru tal-Qorti Ċivili skont digriet 401/2018.*"

Ra li kif jidher mill-Avviż tat-Talba stess (fol. 1), l-attur talab ukoll l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż.

Ra li anness mal-Avviż tat-Talba kien hemm kopja legali tad-digriet numru 401/2018[1] kif ukoll kopja ta' nota tal-attur sabiex jiġu ntaxxati d-drittijiet tiegħu.

Ra li l-ammont mitlub permezz tal-Avviż tat-Talba jaqbel eżattament mal-ammont indikat fid-digriet relattiv u huwa dak ta' **elfejn u tmien mija u disgħa u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu (€2,829.30)**.

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat fl-20 ta' Lulju 2020 kif jidher mir-riferta relattiva.

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fl-24 ta' Lulju 2020 u ra li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2020, l-attur ta ruħu b'notifikat bir-Risposta.

[1] Digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) (a fol. 5 u 6).

Ra li r-Risposta taqra hekk:

"*Jeċċepixxi bir-rispett:*

1. *Qabel xejn, l-irritwalità, irregolarità u/jew nullità tal-avviż promotur stante li ma tikkontjeni ebda talba fil-konfront tal-eċċipjent.*
2. *Fil-mertu, u mingħajr ħsara għas-sueċċepit, l-ammont reklamat mill-attur mhuwiex dovut fis-sħiħ jew in parti.*
3. *F'kull każ ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*
4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*"

Ra li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2020, il-partijiet qablu li jittrattaw dwar l-ewwel eċċezzjoni u l-kawża ġiet differita għat-12 ta' Ottubru 2020 għal sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija li l-Avviż tat-Talba huwa monk billi ma fih ebda talba fil-konfront tal-konvenut. Fit-trattazzjoni, żied jargumenta li l-attur ma pprovdiex dettalji tan-natura tat-talba u r-raġuni li għaliha saret din it-talba u r-raġuni li din il-kawża nfetħet kontra l-konvenut.

It-Tribunal ma jaqbilx mal-argument tal-konvenut u josserva illi n-naħa ta' isfel tal-Avviż tat-Talba hemm il-kelma "*KEMM? **" u taħtha hemm il-kliem "*Għid kemm hu l-ammont mitlub mill-intimat*". L-attur hemm niżżel l-ammont flimkien mal-kliem "*u mgħaxijiet legali u spejjeż*". Dan neċessarjament ifisser li l-attur kien qiegħed jitlob dak l-ammont li huwa niżżel.

Imbagħad, fit-tielet paġna tal-Avviż tat-Talba (fol. 3), ħdejn il-kelma "*X'ĠARA?**" li ħdejha hemm il-kliem "*Għid x'qed titlob billi tiddikjara fil-qosor il-fatti li wasslu għat-tilwima*", l-attur kiteb il-kliem li jinsabu kkwotati aktar 'il fuq f'din is-sentenza preliminari.

Inoltre, id-digriet li għalih irrefera l-attur huwa anness mal-Avviż tat-Talba u huwa ċarissimu (ara fol. 6), kif hija wkoll ċarissima n-nota tal-attur (ara fol. 7) li wasslet għall-istess digriet.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***<u>Frank Coppola vs. General Road Servicing Limited et</u>***, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2005, fejn intqal:

"*Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta li talbet ir-revoka taghha. L-uniku aggravju taghha hu wiehed ta' indoli procedurali u hu maghmul jikkonsisti mis-sottomissjoni illi l-proceduri li ttiehdu mill-attur kienu jiddifettaw in kwantu hi ma kienetx ghadha tissejjah bl-isem kif giet citata. Skond is-socjeta` appellanti l-aggravju taghha jammonta ghall-eccezzjoni ta' nullita` ta' attijiet gudizzjarji kontemplata fl-Artikolu 789 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament is-subinciz (d) tieghu;*

*L-imsemmija disposizzjoni tipprovdi ghal kaz ta' nullita` "jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi". Jissokta jinghad pero` fil-proviso ghalih illi l-eccezzjoni tan-nullita` "ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi";*

*Approfondiment ta' din id-disposizzjoni juri bla ebda ombra ta' dubju l-infondatezza ta' l-aggravju sottomess;*

*Fl-ewwel lok id-difett taht l-inciz fuq espress irid ikun ta' xi element essenzjali preskritt mil-ligi. Bazi din ferm dubja f' dan il-kaz ghaliex ma jirrizultax li l-att ta' l-avviz kif propost jikkontjieni xi nuqqas ta' din ix-xorta. Kif spjegat mill-Onor. Imhallef insenji Maurice Caruana Curran fid-decizjoni tieghu ta' l-14 ta' Mejju 1970 fil-kawza "Victor Henry Debono et -vs- Onor. Dottor Vincent Tabone nomine", "jidher li hawnhekk il-*

*kelma operativa hija 'partikolarita`' ghax, din ma tistax tirriferixxi hlief ghal kontenut tac-citazzjoni, bhal ma huma l-kawzali, l-oggett, l-ordni ghal komparizzjoni f' isem ir-Regina, il-firma ta' l-Avukat, dik ta' l-Imhallef, u l-estremi l-ohra indikati fil-formola ad hoc annessa mal-Kodici ta' Procedura inkluz l-ordni ghall-prezentazzjoni ta' l-eccezzjonijiet". Aktar qabel inghad f' din l-istess sentenza illi "l-elementi jew 'particulars' li ghandhom jinghataw fic-citazzjoni huma jew komuni ma' latti gudizzjarji l-ohra (Artikoli 174, 176, 178) jew partikolari ghalija (Artikoli 153, 154, 155, 114, 115, illum Artikoli 154, 155, 156, 117, 118)";*

*Huwa bil-wisq evidenti mill-predett insenjament illi ssocjeta` appellanti htiegilha tipprova mhux nullita` kwalunkwe imma nullita` ta' tip partikulari, jigifieri ta' "xi partikolarita` essenzjali". Anke kieku kellu ghall-grazzja ta' l-argoment jigi accettat illi l-isem tal-kumpanija mharrka kien skorrett dan ma kienx dik il-"partikolarita` essenzjali" ta' l-att li trid il-ligi, u allura ma jwassalx ghan-nullita` tieghu, kif hekk pretiz mis-socjeta` appellanti. Al piu` jista' jwassal ghal sitwazzjoni fejn il-gudikat moghti jkun ineffettiv ghal skop ta' ezekuzzjoni. Dak li hu cert hu li s-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex tiskarika minn fuqha l-oneru li tipprova li l-att ta' l-avviz kien jonqsu verament xi partikolarita` essenzjali minn fost dawk li gew ezemplifikati fis-sentenza precitata. Ghalhekk biss l-aggravju ma jistax jigi akkolt. Dan apparti mbaghad il-fatt ovvju illi l-istess socjeta` appellanti naqset milli minimament tindika, bl-esibizzjoni ta' l-istatut socjali, l-isem korrett tas-socjeta` mharrka. Dan l-oneru kien ukoll jinkombi lilha u hi naqset milli tiddisimpenja ruhha fir-rigward. Multo magis, imbaghad, meta kienet rinfaccjata bi provi dokumentali esebiti mill-attur mar-risposta ta' l-appell tieghu u li jistabilixxu illi isem is-socjeta` appellanti hu effettivament dak li bih giet azzjonata;*

*Hemm aspett iehor li jidher li sfugga ghal kollox kemm li s-socjeta` appellanti kif ukoll lill-attur appellat. Id-decizjoni li minnha sar appell inghatat mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Issa l-Att V ta' l-1995 li kkrea dan it-Tribunal jipprovdi ghall-proceduri spediti bil-minimu ta' informalita` u regoli procedurali. Jinghad espressament fis-subinciz 3 ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att illi* ***"ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa b' mod konformi kemm jista' jkun ma' l-Att jew mar-regoli maghmula tahtu".*** *Apparti dak li gja gie rilevat aktar 'il fuq, l-kwestjoni, rigwardata mill-perspettiva ta' l-Att imsemmi, ma tidhirx li twassal lanqas ghal dik in-nullita ta' l-att promotur u ta' l-atti l-ohra sussegwenti. Dan mhux biss ghax din in-nullita mhix espressament komminata mil-ligi izda l-Att innifsu, f' kull kaz, jipprovdi ghas-salvazzjoni ta' l-att gudizzjarju, anke jekk dan ikun jippekka minn xi difett fil-formalita` tieghu;*

*Dejjem estratt mis-sentenza ampjament citata in re: "Debono et -vs- Tabone nomine", insibu li "n-nullitajiet huma odjuzi, ma jistax jigu prezunti, ma jistghux jigu estizi minn kaz ghall-iehor u in generali jirripunjaw ghaz-'zeitgeist' modern li huwa kuntrarju ghar-ripetizzjoni tal-kawzi u atti gudizzjarji u ghall-moltiplikazzjoni ta' l-ispejjez u telf ta' zmien anti-ekonomiku hlief ghar-ragunijiet verament serji", li hawnhekk ma huwiex il-kaz. Fl-istess sens hi s-sentenza fl-ismijiet "Joseph Borg nomine - vs- Alice Grech et", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1994.*"

Għall-finijiet ta' sfond u spjegazzjoni ulterjuri, it-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Joseph Galea vs. Sandra Vassallo***, deċiża fis-26 ta' Jannar 2001 (ikkwotata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Allied Insurance Agency Limited nomine vs. Evellina Borg Grech***, deċiża fl-10 ta' Marzu 2004), fejn intqal:

"*Il-Qorti tibda biex tirrileva li hawn si tratta ta' procedura sommarja bi kriterji kemmxejn differenti minn dawk previsti mil-ligi u adoperati fil-Qrati ordinarji. Certament mhux biss hemm l-element ta' ekwita' fl-Att V ta' l-1995, imma hemm manifest ukoll il-hsieb tal-legislatur li f'kazijiet b'talbiet zghar quddiem tribunal specjali, mahluq ad hoc, li dan l-istess Tribunal jimxi bi speditezza, bl-anqas formalizmu possibbli – minghajr, naturalment, ma jikser dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li holqitu.*"

Anki jekk, għall-grazzja tal-argument, it-Tribunal kellu jaċċetta li l-Avviż tat-Talba huwa nieqes mill-impostazzjoni tat-talba u minn debita spjegazzjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-konvenut fehem sewwa x'kien mitlub permezz tal-Avviż tat-Talba tant li t-tieni eċċezzjoni tiegħu hija li "*l-ammont reklamat mill-attur mhuwiex dovut fis-sħiħ jew in parti*". Rilevat dan, iżda, it-Tribunal ma jaqbilx li l-Avviż tat-Talba huwa nieqes minn xi element essenzjali. Il-konvenut kien forsi jkollu raġun kieku l-attur uża formola differenti min dik preskritta fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 380, iżda dan mhuwiex il-każ. Il-konvenut hawn jillanja biss li l-attur ma wżax id-diċitura li solitament tintuża, jiġifieri dak il-kliem li permezz tiegħu l-attur normalment

jitlob li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas ċertu ammont lill-attur għal diversi raġunijiet li mbagħad jiġu spjegati fl-Avviż tat-Talba.

Huwa ċar li l-konvenut fehem sewwa l-kontenut tal-Avviż tat-Talba u huwa ċar ukoll li l-attur mela l-formola relattiva kif suppost – jiġifieri li indika l-ammont fejn kellu jindikah u spjega r-raġuni għat-talba, għalkemm fil-qosor, fil-kaxxa riżervata għal dik l-ispjegazzjoni.

It-Tribunal għalhekk ma jsibx li l-eċċezzjoni relattiva hija fondata.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż huma riżervati għas-sentenza finali.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**